# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

26 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-305/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Cour d'arbitrage, li saret il-Cour constitutionnelle (Qorti Kostituzzjonali) (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Lulju 2005, fil-proċedura

**Ordre des barreaux francophones et germanophone,**

**Ordre français des avocats du barreau de Bruxelles,**

**Ordre des barreaux flamands,**

**Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles,**

vs

**Il-Kunsill tal-Ministri,**

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

fil-preżenza ta':

**Conseil des barreaux de l'Union européenne,**

**Ordre des avocats du barreau de Liège,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts, E. Juhász (Relatur) u J. Klučka, Presidenti ta' l-Awla, J. N. Cunha Rodrigues, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, A. Borg Barthet, M. Ilešič u J. Malenovský, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: M.-A. Gaudissart, kap ta' diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Settembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Ordre des barreaux francophones u germanophone u l-Ordre français des avocats du barreau de Brusselles, minn F. Tulkens u V. Ost, avukati,

— għall-Ordre des barreaux flamands u l-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Brusselles, minn M. Storme, avukat,

— għall-Conseil des barreaux de l'Union européenne, minn M. Mahieu, avukat,

— għall-Ordre des avocats du barreau de Liège, minn E. Lemmens, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Wimmer, bħala aġent, assistit minn L. Swartenbroux, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Ċiprijott, minn E. Rossidou-Papakyriakou u F. Komodromos, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Slovakk, minn R. Procházka, bħala aġent,

— għall-Parlament Ewropew, minn A. Caiola u C. Castillo del Carpio, wara minn A. Caiola u M. Dean, bħala aġenti,

— għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, minn M. Sims u M.-M. Josephides, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn W. Bogensberger u R. Troosters, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru 2006,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità ta' l-Artikolu 2A(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE, ta' l-10 ta' Ġunju 1991, dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU L 166, p. 77), kif emendata bid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-4 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 344, p. 76, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/308").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' rikors imressaq quddiem il-qorti tar-rinviju rispettivament mill-Ordre des barreaux francophones et germanophone, l-Ordre français des avocats du barreau de Bruxelles, l-Ordre des barreaux flamands kif ukoll mill-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles bil-għan li jinkiseb l-annullament ta' ċerti Artikoli tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004, li temenda l-liġi tal-11 ta' Jannar 1993 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-

iskop tal-ħasil tal-flus, il-liġi tat-22 ta' Marzu 1993 dwar l-istatut u l-kontroll ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, u l-liġi tas-6 ta' April 1995 dwar l-istatut ta' l-impriżi ta' l-investiment u tal-kontroll tagħhom, dwar l-intermedjarji finanzjarji u l-konsultenti finanzjarji (*Moniteur belge* tat-23 ta' Jannar 2004, p. 4352, iktar 'il quddiem il-"liġi tat-12 ta' Jannar 2004"), li tittrasponi d-Direttiva 2001/97 fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*

3 L-Artikolu 6, bit-titolu "Dritt għal smigħ xieraq", tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") jgħid:

"1 Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]

2 Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.

3 Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

a li jkun informat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni ta' l-akkuża kontra tiegħu;

b li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

ċ li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

d li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

e li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

4 Skond it-tielet premessa tad-Direttiva 91/308:

"Billi l-ħasil tal-flus għandu influwenza evidenti fuq iż-żieda tal-kriminalità organizzata u b'mod partikolari fl-ittraffikar tad-droga, billi hemm iktar u iktar

għarfien li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija waħda mill-mezzi l-iktar effettivi ta' oppożizzjoni għal din il-forma ta' attività kriminali, li tikkostitwixxi theddida partikolari għas-soċjetajiet ta' l-Istati Membri".

5 L-ewwel, l-erbatax sas-sbatax u l-għoxrin premessa tad-Direttiva 2001/97 jgħidu:

"(1) Id-Direttiva 91/308 [...], li hija waħda mill-istrumenti internazzjonali prinċipali fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, għandha tiġi aġġornata billi jittieħdu in kunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u x-xewqat espressi mill-Parlament Ewropew u l-Istati Membri. B'dan il-mod, id-Direttiva [91/308] mhux biss tkun konformi ma' l-aħjar prattiċi internazzjonali f'dan il-qasam, iżda żżomm ukoll livell għoli ta' protezzjoni fis-settur finanzjarju u fl-attivitajiet l-oħra fil-periklu kontra l-effetti dannużi tal-qligħ mill-kriminalità.

[...]

(14) Il-ħassiela tal-flus għandhom it-tendenza li jużaw iktar u iktar il-professjonijiet mhux finanzjarji. Dan l-iżvilupp huwa kkonfermat mix-xogħol tal-FATF (Grupp ta' Azzjoni Finanzjarja Internazzjonali) fuq it-teknika u t-tipi ta' ħasil tal-flus.

(15) L-obbligi imposti mid-Direttiva [91/308] fil-qasam ta' l-identifikazzjoni tal-klijenti, taż-żamma tar-reġistrazzjonijiet u tad-dikjarazzjoni tat-tranżazzjonijiet suspetti għandhom jiġu estiżi għal numru limitat ta' attivitajiet u ta' professjonijiet li rriżultaw partikolarment suġġetti għall-ħasil tal-flus.

(16) In-nutara u l-membri tal-professjonijiet legali indipendenti, kif iddefiniti mill-Istati Membri, għandhom jiġu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [91/308] meta jieħdu sehem fi tranżazzjonijiet ta' natura finanzjarja jew f'isem kumpanniji, inkluż meta jagħtu pariri fiskali, meta dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu riskju ikbar li s-servizzi ta' dawn il-professjonijiet legali jiġu użati għal skopijiet ta' ħasil tal-qliegħ mill-kriminalità.

(17) Madankollu, fil-każ fejn membri indipendenti ta' professjonijiet li jikkonsistu fl-għoti ta' pariri legali, li huma legalment irrikonoxxuti u kkontrollati minn, per eżempju, avukati, jevalwaw is-sitwazzjoni legali ta' klijent jew jirrappreżentawh fi proċedura ġudizzjarja, ma jkunx xieraq li d-Direttiva [91/308] timponi fuqhom l-obbligu, fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet, li jirrappurtaw suspetti eventwali ta' ħasil tal-flus. Hemm lok li jiġu eżentati minn kull obbligu ta' rappurtaġġ ta' l-informazzjoni miksuba qabel, matul u wara proċedura ġudizzjarja jew matul l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' klijent. Konsegwentement, il-konsulenza legali tibqa' suġġetta għall-obbligu tas-sigriet professjonali, ħlief jekk il-konsulent legali jieħu sehem f'attivitajiet ta' ħasil tal-flus, jekk il-konsulenza legali tingħata skopijiet ta' ħasil tal-flus jew jekk l-avukat ikun jaf li l-klijent tiegħu jixtieq jikseb pariri legali għall-iskop ta' ħasil tal-flus.

[...]

(20) Fil-każ tan-nutara u tal-membri tal-professjonijiet legali indipendenti, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, sabiex jieħdu in kunsiderazzjoni b'mod xieraq l-obbligu ta' diskrezzjoni professjonali impost fuqhom fir-rigward tal-klijenti tagħhom, jinnominaw l-avukatura jew organi oħra ta' awtoregolazzjoni għall-membri tal-professjonijiet indipendenti bħala organi li lilhom jistgħu jiġu rrapurtati l-każijiet eventwali ta' ħasil tal-flus mill-membri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-liġijiet li jirregolaw it-trattament ta' dawn ir-rapporti u l-komunikazzjoni eventwali

ulterjuri tagħhom lill-"awtoritajiet responsabbli tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus" u, b'mod ġenerali, il-forom xierqa ta' kooperazzjoni bejn l-avukatura jew organi professjonali u dawn l-awtoritajiet." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Skond l-Artikolu 2A(5) tad-Direttiva 91/308, huma suġġetti għall-obbligi stabbiliti minnha:

"5) [in]-nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, meta dawn jieħdu sehem,

a) billi jassistu lill-klijent tagħhom fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw:

i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

ii) il-ġestjoni ta' fondi, titoli jew assi oħra li jappartjenu lill-klijent;

iii) il-ftuħ jew il-ġestjoni ta' kontijiet bankarji, ta' tfaddil jew ta' portafolli;

iv) l-organizzazzjoni tal-fondi meħtieġa għall-kostituzzjoni, jew għall-ġestjoni jew għat-tmexxija ta' kumpanniji;

v) il-kostituzzjoni, il-ġestjoni jew it-tmexxija ta' trusts, ta' kumpanniji jew ta' strutturi simili;

b) jew billi jaġixxu f'isem u għan-nom tal-klijent tagħhom f'kull tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljari". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/308 jgħid:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni msemmija f'din id-Direttiva, kif ukoll id-diretturi u l-impjegati tagħhom jikkooperaw bis-sħiħ ma' l-awtoritajiet responsabbli fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus:

a) billi jinformaw lil dawk l-awtoritajiet, fuq inizjattiva tagħhom stess, bi kwalukwe fatt li jista' jkun indikazzjoni ta' ħasil tal-flus;

b) billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet, fuq it-talba tagħhom, l-informazzjoni kollha meħtieġa, skond il-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tintbagħat lill-awtoritajiet responsabbli fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab l-istituzzjoni jew il-persuna li tibgħat din l-informazzjoni. Il-persuna jew persuni nnominati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 11(1)(a) għandhom normalment jibagħtu l-informazzjoni.

3. Fil-każ tan-nutara u tal-membri tal-professjonijiet legali indipendenti msemmija fl-Artikolu 2A(5), l-Istati Membri jistgħu jinnominaw organu xieraq ta' awtoregolazzjoni tal-professjoni kkonċernata bħala l-awtorità li għandha tirrapporta l-fatti msemmija fil-paragrafu (1)(a) u, f'dan il-każ, jistabbilixxu l-forom xierqa ta' kooperazzjoni bejn dan l-organu u l-awtoritajiet responsabbli fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

L-Istati Membri mhumiex obbligati li jimponu l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 fuq in-nutara, fuq il-membri tal-professjonijiet legali indipendenti, fuq l-awdituri, *accountants* esterni u fuq il-konsulenti fiskali fir-rigward ta' l-informazzjoni mogħtija lilhom minn wieħed mill-klijenti tagħhom jew li tinkiseb minnhom fuq wieħed mill-klijenti tagħhom, waqt l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' dan il-klijent jew fl-eżerċizzju ta' difiża jew ta' rappreżentanza ta' dan il-klijent fi proċedura ġudizzjarja jew rigwardanti tali proċedura, inkluż fil-kuntest ta' pariri fuq il-mod ta' kif tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura, kemm jekk din l-informazzjoni tingħata lilhom kif ukoll jekk tinkiseb minnhom qabel, matul jew wara din il-proċedura." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

8 L-Artikolu 4 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004 introduċa fil-liġi tal-11 ta' Jannar 1993 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu (*Moniteur belge* tad-9 ta' Frar 1993, p. 2828, iktar 'il quddiem il-"liġi tal-11 ta' Jannar 1993"), l-Artikolu 2B jipprovdi s-segwenti:

"Safejn jistabbilixxu hekk espressament, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi huma applikabbli wkoll għall-avukati:

1° meta jassistu l-klijent tagħhom fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw:

a) ix-xiri jew il-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

b) il-ġestjoni ta' fondi, titoli jew assi oħra li jappartjenu lill-klijent;

ċ) il-ftuħ jew il-ġestjoni ta' kontijiet bankarji, jew ta' tfaddil jew ta' portafolli;

d) l-organizzazzjoni tal-fondi meħtiega għall-kostituzzjoni, għall-ġestjoni jew għat-tmexxija ta' kumpanniji;

e) il-kostituzzjoni, il-ġestjoni jew it-tmexxija ta' trusts, ta' kumpanniji jew ta' strutturi simili;

2° jew meta jaġixxu f'isem u għan-nom tal-klijent tagħhom f'kull tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljari."

9 L-Artikolu 25 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004 introduċa, fl-Artikolu 14A tal-liġi tal-11 ta' Jannar 1993, il-paragrafu 3 li jipprovdi:

"Il-persuni msemmija fl-Artikolu 2B li, fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet imniżżla f'dan l-artikolu, isiru jafu fatti jew jissuspettaw li huma konnessi mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu huma marbuta jinformaw b'dan minnufih lill-President tal-kamra ta' l-avukati li huma msieħba fiha.

Madankollu, il-persuni msemmija fl-Artikolu 2B m'għandhomx jagħtu din l-informazzjoni jekk din tingħatalhom minn wieħed mill-klijenti tagħhom tinkiseb minnhom fuq wieħed mill-klijenti tagħhom waqt l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' dan il-klijent jew fl-eżerċizzju ta' l-inkarigu tagħhom ta' difiża jew ta' rappreżentanza ta' dan il-klijent fi proċedura ġudizzjarja jew rigwardanti tali proċedura, inkluż fil-kuntest ta' pariri fuq il-mod kif tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura, kemm jekk din l-informazzjoni tingħata lilhom kif ukoll jekk tinkiseb minnhom qabel, matul jew wara din il-proċedura.

Il-President tal-kamra ta' l-avukati għandu jivverifika r-rispett tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2B u fil-paragrafu preċedenti. Jekk dawn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti, dan għandu jibgħat minnufih l-informazzjoni lit-taqsima responsabbli mit-trattament ta' l-informazzjoni finanzjarja."

10 L-Artikolu 27 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004 ssostitwixxa l-Artikolu 15(1) tal-liġi tal-11 ta' Jannar 1993 bit-test segwenti:

"(1) Meta t-Taqsima responsabbli mit-trattament ta' l-informazzjoni finanzjarja tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2), it-Taqsima jew wieħed mill-membri tagħha, jew wieħed mill-membri tal-persunal tagħha innominat għal dan l-iskop mill-Maġistrat li jamministraha jew mis-sostitut tiegħu jistgħu jitolbu, fit-terminu li jistabbilixxu huma stess, l-informazzjoni addizzjonali kollha li huma jqisu neċessarja għat-twettiq tax-xogħol tat-Taqsima minn għand:

1° l-organi u l-persuni kollha msemmija fl-Artikoli 2, 2A u 2B, kif ukoll mill-President tal-kamra ta' l-avukati msemmi fl-Artikolu 14A(3);

[...]

Il-persuni msemmija fl-Artikolu 2B u l-President tal-kamra ta' l-avukati msemmi fl-Artikolu 14A(3), m'għandhomx jagħtu din l-informazzjoni jekk tkun ingħatat, lill-persuni msemmija fl-Artikolu 2B, minn wieħed mill-klijenti tagħhom jew inkisbet minn wieħed mill-klijenti tagħhom matul l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' dan il-klijent jew fl-eżerċizzju ta' l-inkarigu tagħhom ta' difiża jew ta' rappreżentanza ta' dan il-klijent fi proċedura ġudizzjarja jew rigwardanti tali proċedura, inkluż fil-kuntest ta' pariri fuq il-mod ta' kif tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura, kemm jekk din l-informazzjoni tingħata lilhom kif ukoll jekk tinkiseb minnhom qabel, matul jew wara din il-proċedura.

[...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Permezz ta' żewġ rikorsi ppreżentati fit-22 ta' Lulju 2004 rispettivament mill-Ordre des barreaux francophones et germanophone u l-Ordre français des avocats du barreau de Bruxelles, minn naħa, kif ukoll mill-Ordre des barreaux flamands u l-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles, minn naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju ntalbet tannulla l-Artikoli 4, 5, 7, 25, 27, 30 u 31 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004. Il-Conseil des barreaux de l'Union européenne u l-Ordre des avocats du barreau de Liège intervenew fil-kawża prinċipali.

12 Quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti jgħidu, b'mod partikolari, li l-Artikoli 4, 25 u 27 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004, safejn jestendu fuq l-avukati l-obbligu li jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti meta jsiru jafu b'fatti li jafu jew jissuspettaw li huma marbuta mal-ħasil tal-flus u dak li jirrapurtaw lill-imsemmija awtoritajiet l-informazzjoni addizzjonali li dawn l-awtoritajiet iqisu li hija utli, jiksru b'mod mhux ġustifikat il-prinċipji tas-sigriet professjonali u ta' l-indipendenza ta' l-avukat, liema prinċipji huma element kostitutiv tad-dritt fundamentali ta' kull individwu għal smigħ xieraq u għar-rispett tad-drittijiet tad-difiża. B'hekk, l-Artikoli msemmija jiksru l-Artikoli 10 u 11 tal-Kostituzzjoni Belġjana, moqrija flimkien ma' l-Artikolu 6

tal-KEDB, il-prinċipji ġenerali tad-dritt dwar id-drittijiet tad-difiża, l-Artikolu 6(2) UE, kif ukoll ma' l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, iddikjarata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU C 364, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Karta").

13 Barra minn hekk, ir-rikorrenti kif ukoll il-Conseil des barreaux de l'Union européenne jqisu li din il-konklużjoni ma tistax terġa titqiegħed in kwistjoni minħabba l-fatt li l-leġiżlatur Belġjan ittraspona d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/308 li jillimitaw, fir-rigward ta' l-avukati, l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Ordre des barreaux francophones et germanophone kif ukoll l-Ordre français des avocats du barreau de Bruxelles iqisu li d-distinzjoni magħmula minn dawn id-dispożizzjonijiet, ibbażata fuq in-natura essenzjali jew anċillari ta' l-attivitajiet ta' l-avukat, hija legalment insostenibbli u twassal għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali kbira. L-Ordre des barreaux flamands u l-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles jenfasizzaw li l-obbligi li jirrapurtaw u li jinkriminaw lill-klijent imorru lil hinn minn sempliċi ksur tas-sigriet professjonali, b'mod li dawn iħassru b'mod assolut ir-relazzjoni ta' kunfidenzjalità bejn il-klijent u l-avukat tiegħu.

14 Il-Conseil des barreaux de l'Union européenne jsostni li l-liġi tal-11 ta' Jannar 1993, kif emendata mil-liġi tat-12 ta' Jannar 2004, ma tippermettix li tiġi ppreżervata l-attività tradizzjonali ta' l-avukat fit-totalità tagħha. F'dan ir-rigward, l-imsemmi Conseil jenfasizza li l-partikolaritajiet tal-professjoni ta' l-avukat, b'mod partikolari l-indipendenza u s-sigriet professjonali, jikkontribwixxu għall-kunfidenza tal-pubbliku f'din il-professjoni, u li din il-kunfidenza mhijiex marbuta biss ma' ċerti inkarigi partikolari ta' l-avukat.

15 Il-qorti tar-rinviju tosserva li r-rikorsi għal annullament tressqu kontra l-liġi tat-12 ta' Jannar 2004, li tittrasponi fl-ordinament ġuridiku Belġjan id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/97. Peress li l-leġiżlatur Komunitarju huwa, bħal-leġiżlatur Belġjan, marbut li jirrispetta d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal smigħ xieraq, il-qorti tar-rinviju tqis li, qabel ma tiddeċiedi fuq il-kompatibbiltà ta' din il-liġi mal-Kostituzzjoni Belġjana, għandha l-ewwel tiġi deċiża l-kwistjoni dwar il-validità tad-direttiva li fuqha hija bbażata l-imsemmija liġi.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour d'arbitrage ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 1[(2)] tad-Direttiva 2001/97 [...] jikser id-dritt għal smigħ xieraq kif iggarantit mill-Artikolu 6 tal-[KEDB], u konsegwentement l-Artikolu 6(2) [UE], safejn l-Artikolu 2A [(5)] l-ġdid, li huwa introduċa fid-Direttiva 91/308/KEE, jimponi l-inklużjoni tal-membri tal-professjonijiet legali indipendenti, mingħajr ma jeskludi l-professjoni ta' avukat, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-istess direttiva li, essenzjalment, għandha l-iskop li jiġi impost fuq il-persuni u l-istituzzjonijiet li ssemmi, l-obbligu li jinformaw lill-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus b'kull fatt li jista jindika tali ħasil (Artikolu 6 tad-Direttiva 91/308/KEE, issostitwit mill-Artikolu 1 [(5)], tad-Direttiva 2001/97/KE)?"

## Fuq id-domanda preliminari

17 Qabel kollox għandu jiġi osservat li, għalkemm fil-kawża prinċipali li tat lok għal din id-domanda, ir-rikorrenti u intervenjenti kkontestaw il-validità tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 91/308 meta mqabbla ma' diversi liġijiet superjuri, xorta jibqa' l-fatt li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qieset biss bħala neċessarju li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistħarreġ il-validità ta' din id-direttiva fir-rigward tad-dritt għal smigħ xieraq kif iggarantit mill-Artikoli 6 tal-KEDB u 6(2) UE.

18 Skond ġurisprudenza kostanti, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 234 KE hija bbażata fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod li hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża kemm in-neċessità

għal deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja. (ara s-sentenzi ta' l-4 ta' Diċembru 2003, EVN u Wienstrom, C-448/01, Ġabra p. I-14527, punt 74, u tat-12 ta' April 2005, Keller, C-145/03, Ġabra p. I-2529, punt 33).

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hemmx lok li tiġi estiża l-evalwazzjoni tal-validità tad-Direttiva 91/308 fir-rigward ta' drittijiet fundamentali mhux imsemmija mill-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata stabbilit fl-Artikolu 8 tal-KEDB.

20 L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308 jipprevedi li l-persuni msemmija f'din id-direttiva għandhom jikkooperaw bis-sħiħ ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, billi jinformaw, fuq inizjattiva tagħhom stess, lil dawn ta' l-aħħar b'kull fatt li jista jkun indikazzjoni ta' ħasil tal-flus u billi jipprovdu lil dawn l-istess awtoritajiet, fuq talba tagħhom, l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli.

21 F'dak li jirrigwarda l-avukati, id-Direttiva 91/308 tistabbilixxi l-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni b'żewġ modi.

22 Minn naħa, bis-saħħa ta' l-Artikolu 2A(5) tad-Direttiva 91/308, l-avukati huma suġġetti għall-obbligi stabbiliti minnha u, b'mod partikolari, għall-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni imposti mill-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmija direttiva biss meta dawn jieħdu sehem, skond il-modi speċifikati fl-Artikolu 2A(5), f'ċerti tranżazzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti minn din l-aħħar dispożizzjoni.

23 Minn naħa l-oħra, mill-Artikolu 6(3)(2) tad-Direttiva 91/308, jirriżulta li l-Istati Membri mhumiex obbligati jimponu l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni

ta' l-avukati fir-rigward ta' l-informazzjoni li tingħatalhom minn wieħed mill-klijenti tagħhom jew tinkiseb minnhom fuq wieħed mill-klijenti tagħhom waqt l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' dan il-klijent jew fl-eżerċizzju ta' l-inkarigu tagħhom ta' difiża jew ta' rappreżentanza ta' dan il-klijent fi proċedura ġudizzjarja jew rigwardanti tali proċedura, inkluż fil-kuntest ta' pariri fuq il-mod ta' kif tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura, kemm jekk din l-informazzjoni tingħatalhom kif ukoll jekk tinkiseb minnhom qabel, matul jew wara din il-proċedura.

24 L-importanza ta' din l-eżenzjoni hija enfasizzata mis-sbatax-il premessa tad-Direttiva 2001/97, li tgħid li ma jkunx xieraq li d-Direttiva 91/308 timponi l-obbligu ta' rappurtaġġ ta' suspetti eventwali fil-qasam tal-ħasil tal-flus fuq il-membri indipendenti ta' professjonijiet li jikkonsistu fl-għoti ta' pariri legali, li huma legalment irrikonoxxuti u kkontrollati, per eżempju ta' l-avukati, fil-każ fejn dawn jevalwaw is-sitwazzjoni legali ta' klijent jew jirrappreżentawh fi proċedura ġudizzjarja. Barra minn hekk, din il-premessa tgħid li hemm lok li jiġu eżentati minn kull obbligu ta' rappurtaġġ ta' l-informazzjoni miksuba qabel, matul u wara proċedura ġudizzjarja jew matul l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali ta' klijent. Fl-aħħar nett, l-istess premessa tenfasizza li minn din l-eżenzjoni jirriżulta li l-konsulenza legali tibqa' suġġetta għall-obbligu tas-sigriet professjonali, ħlief fil-każ fejn l-avukat jieħu sehem huwa stess f'attivitajiet ta' ħasil tal-flus, jew jekk jipprovdi pariri legali għal skopijiet ta' ħasil tal-flus, jew jekk ikun jaf li l-klijent tiegħu jixtieq jikseb pariri legali għal dan l-iskop.

25 F'dan il-każ, mill-Artikoli 25 u 27 tal-liġi tat-12 ta' Jannar 2004 jirriżulta li fir-rigward ta' l-avukati, il-leġiżlatur Belġjan introduċa eżenzjonijiet fl-imsemmija liġi li jkopru l-informazzjoni mogħtija lilhom jew miksuba minnhom fiċ-ċirkustanzi previsti fl-imsemmi Artikolu 6(3)(2) tad-Direttiva 91/308.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi evalwat jekk l-obbligu ta' avukat, li jaġixxi fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali tiegħu, li jikkoopera ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, fis-sens ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308, u li jinformhom fuq inizjattiva tiegħu stess b'kull fatt li jista jkun

indikazzjoni ta' ħasil tal-flus, fid-dawl tal-limitazzjonijiet għal dan l-obbligu stabbiliti fl-Artikoli 2A(5) u 6(3) tad-direttiva msemmija, jikkostitwixxix ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif iggarantit mill-Artikoli 6 tal-KEDB u 6(2) UE.

27 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/308 jista' jkun suġġett għal diversi interpretazzjonijiet, b'mod li l-estensjoni preċiża ta' l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni imposti fuq l-avukati mhijiex ċara.

28 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, meta l-kliem tad-dritt Komunitarju derivat jista' jkun suġġett għal iktar minn interpretazzjoni waħda, għandha tingħata preferenza lil dik li tirrendi d-dispożizzjoni konformi mat-Trattat KE milli lil dik li twassal għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' kompatibbiltà mat-Trattat (ara s-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1983, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, 218/82, Ġabra p. 4063, punt 15, u tad-29 ta' Ġunju 1995, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-135/93, Ġabra p. I-1651, punt 37). Fil-fatt, l-Istati Membri mhux biss għandhom jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi mad-dritt Komunitarju, iżda għandhom ukoll jiżguraw li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni ta' test tad-dritt derivat li jidħol f'kunflitt mad-drittijiet fundamentali protetti mis-sistema legali Komunitarja jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt Komunitarju (sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist, C-101/01, Ġabra p. I-12971, punt 87).

29 Għandu wkoll jiġi mfakkar li d-drittijiet fundamentali huma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, li l-osservanza tagħhom hija assigurata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderixxew magħhom. F'dan ir-rigward, il-KEDB għandha sinjifikat partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder, 29/69, Ġabra p. 419, punt 7; tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni, C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 37, u ta' l-14 ta' Diċembru 2006, ASML, C-283/05, Ġabra p. I-12041, punt 26). B'hekk, id-dritt għal smigħ xieraq kif stabbilit, b'mod partikolari, mill-Artikolu 6 tal-KEDB jikkostitwixxi

dritt fundamentali li l-Unjoni Ewropea tirrispetta bħala prinċipju ġenerali bis-saħħa ta' l-Artikolu 6(2) UE.

30 L-Artikolu 6 tal-KEDB jirrikonoxxi lil kull persuna, kemm fil-kuntest ta' deċiżjonijiet dwar drittijiet u obbligi ta' natura ċivili, kif ukoll fil-kuntest ta' akkuża kriminali, id-dritt għal smigħ xieraq.

31 Skond ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunċett ta' "smigħ xieraq" imsemmi fl-Artikolu 6 tal-KEDB huma kkostitwit minn diversi elementi, li jinkludu, b'mod partikolari, id-dittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ugwaljanza ta' armi, id-dritt ta' aċċess għall-qrati kif ukoll id-dritt ta' aċċess għal avukat kemm fil-qasam ċivili kif ukoll f'dak kriminali (ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi Golder vs Ir-Renju Unit, tal-21 ta' Frar 1975, serje A Nru 18, § 26 sa 40; Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit, tat-28 ta' Ġunju 1984, serje A Nru 80, § 97 sa 99, 105 sa 107 u 111 sa 113, kif ukoll Borgers vs Il-Belġju, tat-30 ta' Ottubru 1991, serje A Nru 214-B, § 24).

32 L-avukat ma jkunx f'pożizzjoni li jiggarantixxi l-inkarigu ta' konsulenza, ta' difiża u ta' rappreżentanza tal-klijent tiegħu b'mod xieraq, u konsegwentement, dan ikun imċaħħad mid-drittijiet mogħtija lilu mill-Artikolu 6 tal-KEDB, jekk l-avukat, fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja jew tal-preparazzjoni tagħha, ikun obbligat jikkoopera ma' l-awtoritajiet pubbliċi billi jagħtihom informazzjoni li jkun kiseb matul konsulenzi legali li jkunu seħħew fil-kuntest ta' tali proċedura.

33 Kif ġie mfakkar fil-punt 22 ta' din is-sentenza, fir-rigward tad-Direttiva 91/308, mill-Artikolu 2A(5) tagħha, jirriżulta li l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni japplikaw għall-avukati biss meta dawn jassistu lill-klijent tagħhom fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni ta' ċerti tranżazzjonijiet ta' natura essenzjalment finanzjarja u immobiljari previsti minn din id-dispożizzjoni fis-subparagrafu (a), jew meta jaġixxu f'isem u għan-nom tal-klijent tagħhom f'kull tranżazzjoni finanzjarja jew

immobbiljari. Bħala regola ġenerali, dawn l-attivitajiet, minħabba n-natura tagħhom stess, jinsabu f'kuntest li m'għandu l-ebda rabta ma' proċedura ġudizzjarja u, għaldaqstant, jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

34 Barra minn hekk, minn meta l-assistenza ta' l-avukat li qed jaġixxi fil-kuntest ta' tranżazzjoni prevista fl-Artikolu 2A(5) tad-Direttiva 91/308 tintalab fl-eżerċizzju ta' inkarigu ta' difiża jew ta' rappreżentanza quddiem qorti għall-kisba ta' pariri fuq il-mod ta' kif tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura ġudizzjarja, l-imsemmi avukat huwa eżentat, bis-saħħa ta' Artikolu 6(3)(2) tad-direttiva msemmija, mill-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-imsemmi artikolu u, f'dan ir-rigward huwa irrilevanti li l-informazzjoni tingħata jew tinkiseb, matul jew wara l-proċedura. Tali eżenzjoni hija ta' natura li tħares id-dritt tal-klijent għal smigħ xieraq.

35 Għalkemm l-eżiġenzi li joħorġu mid-dritt għal smigħ xieraq jimplikaw, mid-definizzjoni stess, rabta ma' proċedura ġudizzjarja, u fid-dawl tal-fatt li t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/308 jeżenta lill-avukati, meta l-attivitajiet tagħhom ikunu kkaratterizzati minn tali rabta, mill-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmija direttiva, l-eżiġenzi msemmija jkunu mħarsa.

36 Minn naħa l-oħra, għandu jiġi ammess li l-eżiġenzi marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq ma jipprekludux, meta dawn jaġixxu fil-kuntest preċiż ta' l-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 2A(5) tad-Direttiva 91/308, iżda f'kuntest li ma jaqax taħt it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) ta' l-imsemmija direttiva, li l-avukati jkunu suġġetti għall-obbligi ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 6 (1) ta' din id-direttiva, peress li dawn l-obbligi huma ġġustifikati, kif tenfasizza wkoll b'mod partikolari t-tielet premessa tad-Direttiva 91/308, min-neċessità li ssir ġlieda effettiva kontra l-ħasil tal-flus li jeżerċita influwenza evidenti fuq l-iżvilupp tal-kriminalità organizzata, li ukoll tikkostitwixxi theddida partikolari għas-soċjetajiet ta' l-Istati Membri.